## APPLIKAZZJONI ĠDIDA

Biex tapplika għal applikazzjoni **ĠDIDA** tat-trasport għall-Iskejjel tal-Istat agħfas fuq il-link murija hawn taħt:

https://malta-transport.schoolbusnet.net/#/

Għal aktar informazzjoni idħol fis-sit elettroniku education.gov.mt u fittex fis-sezzjonijiet murija hawn taħt:

- Servizzi
- Trasport tal-Iskola
- Trasport tal-iskejjel tal-istat
- Min qed japplika għall-ewwel darba

Ladarba tikklikkja l-link, se tidħol fil-paġna murija hawn taħt




Agħfas fuq il-buttuna l-blu **Login with e-ID** u minn hemmhekk jinfetaħ *screen* kif inhu muri hawn taħt, fejn trid iddaħħal id-dettalji tiegħek sabiex taċċessa l-kont tal-e-ID:




Meta tkun illogjat/a, trid tagħfas fuq il-buttuna **Kompli** sabiex taċċessa l-formola tal-applikazzjoni:



Issa tinsab fil-formola tal-applikazzjoni. Din tidher eżatt l-istess bħall-Formola ta’ Tiġdid għat-Trasport, pero` d-dettalji li huma diġa` mimlijin huma dawk fis-Sezzjoni *1. Id-Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali*. Dawn id-dettalji huma diġa` mimlijin permezz tal-informazzjoni minn Identita Malta skond l-e-ID. Inti tista’ tibdel id-**Dettalji ta’ Kuntatt** u **l-Indirizz** iżda ma tistax tibdel id-Dettalji Personali. Innota li l-kaxxi mmarkati b’* huma mandatorji u ma jistgħux jitħallew vojta.





**Applikazzjoni għat-Trasport Bla Ħlas tal-Iskola - Skejjel tal-Istat 2024/2025**

**1. Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali (skont id-dettalji tal-Karta tal-Identita`)**

**Dettalji Personali**

| | | | |
|---|---|---|---|
| * In-Numru tal-Karta tal-Ident... | 0123456M | | |
| * Isem | John | * Kunjom | Smith |

**Dettalji ta' Kuntatt**

| | | | |
|---|---|---|---|
| In-Numru tat-Telefown | | * In-Numru tal-Mowbajl tal-Ġ... | 0035601234567 |
| * L-Imejl tal-Ġenitur/Kustodju... | john.smith@example.com | * Ikkonferma l-Imejl | john.smith@example.com |

**L-Indirizz**

| | | | |
|---|---|---|---|
| * Ir-Raħal | Il-Belt Valletta | * Il-Lokalità | Valletta |
| * It-Triq | Great Siege Road | Kodiċi Postali | |
| L-Isem tad-dar | | * In-Numru tad-Dar | 1 |

**Għadek kif għamilt xi tibdiliet fl-indirizz tiegħek. Jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-buttuna sabiex tkompli bl-applikazzjoni.**

Ikklikkja hawn

Meta tkun lest/a minn din is-sezzjoni, trid tikklikkja fuq il-buttuna s-safra **Ikklikkja hawn** sabiex tivverifika l-indirizz u tipproċedi. Din il-*pop-up* se tiġi murija u inti trid tagħfas **OK:**



Issa trid tagħżel l-isem tal-istudent/a mid-*dropdown menu* fid-**Dettalji tal-Istudent/a**. Meta l-isem jiġi magħżul, in-Numru tal-Karta tal-Identita`, l-Isem u l-Kunjom se jimtlew awtomatikament kif inhu muri hawn taħt. Innota li jekk l-isem tal-istudent/a ma jidhirx fid-*dropdown menu*, inti tista' ddaħħal in-numru tal-karta tal-identita` tal-istudent/a, l-Isem u l-Kunjom b'mod manwali sabiex tkun tista' tkompli – inti trid ukoll timmarka l-kaxxa sabiex tiddikjara li l-informazzjoni hija korretta.




Issa trid timla Sezzjoni *3. Id-Dettalji tat-Trasport* f'din l-ordni: is-Sena tal-Klassi għall-2024/2025, l-Isem tal-Iskola u l-Waqfa. Jekk l-istudent/a huwa/hija residenti barra miż-żona tal-kulleġġ jew l-iskola fejn j/toqgħod (*catchment area)* trid timmarka l-kaxxa: "Ikklikkja hawn jekk l-istudent/a j/tattendi skola barra miż-żona jew konfini tal-Kulleġġ/l-Iskola rispettiva tiegħu/tagħha" sabiex l-iskejjel kollha jiġu jidhru fid-*dropdown menu* u s-sena tal-klassi tkun tista' tiġi magħżula mid-*dropdown menu* wkoll. Pero`, inti tista' biss tagħżel mill-waqfiet eżistenti.

**IMPORTANTI: STUDENTI RESIDENTI BARRA Ż-ŻONA TAL-KULLEĠĠ LI QED JAPPLIKAW GĦALIH JIĠU AĊĊETTATI <u>BISS</u> JEKK L-ISTUDENT IKOLLU L-APPROVAZZJONI BIL-MIKTUB TAD-DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI. DAWN IT-TIP TA' APPLIKAZZJONIJIET JISTAW JIGU RIFJUTATI.**




Meta tkun qed tissottometti l-applikazzjoni, jekk xi informazzjoni tħalliet vojta, il-formola se tieħdok lura għall-parti b'informazzjoni li mhix kompluta u se turik dan b'kaxxa u nota ħamra kif inhu muri fl-eżempju hawn taħt (fejn in-numru tal-mowbajl tħalla vojt):




Fl-aħħar, jekk huwa applikabbli, tista' tagħżel il-kaxxi fis-sezzjoni tal-*Informazzjoni Addizzjonali* u mbagħad mur f'Sezzjoni 4, sabiex tixgħel l-kaxxa u agħfas **Issottometti.**




Fl-aħħar, meta l-formola tkun mimlija b'mod tajjeb u sottomessa, se titla' *pop-up* bħal din t'hawn taħt:

# Ċert/a mid-dettalji?

## Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali (skont id-dettalji tal-Karta tal-Identita`)

In-Numru tal-Karta tal-Identità: **0123456M**

Isem: **John**

Kunjom: **Smith**

Ir-Raħal: **Il-Belt Valletta**

Il-Lokalità: **Valletta**

It-Triq: **Great Siege Road**

Kodiċi Postali: **-**

L-Isem tad-dar: **-**

In-Numru tad-Dar: **1**

In-Numru tal-Mowbajl tal-Ġenitur/Kustodju Legali : **0035601234567**

L-Imejl tal-Ġenitur/Kustodju Legali : **john.smith@example.com**

## Dettalji tal-Istudent

Il-Numru tal-Karta tal-Identita`: **01234567L**

Isem: **Anna**

Kunjom: **Smith**

## Dettalji tat-Trasport

Is-Sena tal-Klassi għall-2024/2025: **Year 5**

L-Isem tal-Iskola: **Gharb Primary**

Waqfa : **Ghasri - Nazzarenu Bus Stop**

Użu ta' siġġu tar-roti: **Le**

Tlugħ ta' taraġ għoli mhux possibbli: **Le**

Iva    Ikkanċella

Jekk trid tibdel xi ħaġa trid tikklikkja **IKKANĊELLA** u tmur lura fl-applikazzjoni. Jekk id-dettalji murija huma korretti, trid tagħfas **IVA** u l-applikazzjoni tiġi sottomessa. Ftit wara se tirċievi imejl awtomatika bid-dettalji tal-applikazzjoni mingħand schooltransportapplications.meyr@gov.mt.